


# SCAMS FINANZJARJI U KIF TISTA' TEVITAHOM

L-MFSA rat żieda fl-iscams finanzjarji li qed jiġu rrappurtati. Din il-pubblikazzjoni hi maħsuba biex tagħti stampa aktar ċara tal-aktar scams popolari, suġġerimenti dwar kif tista' tilmaħ sinjali ta' twissija u tevita li taqa' ghalihom.

# FOREX SCAMS

DEFINIZZJONI

•

SINJALI TA' TWISSIJA




## X'inhu Forex Trading?

Foreign Exchange (FX or forex) Trading huwa meta wieħed jipprova jiġġenera profitt billi jispekola fuq il-valur ta' munita meta mqabbla ma' oħra. Muniti barranin jistgħu jiġu nnegozjati peress li l-valur ta' munita jista' ivarja, jew il-valur tar-rata tal-kambju tagħha jista' jinbidel, meta mqabbla ma' muniti oħra.

Forex trading huwa meqjus bħala proċess kumpless u riskjuż, għalhekk, scammers jistgħu jatrattaw klijenti billi jwiegħdu li 'jirduppjaw' l-investiment tagħhom u jipprovdu qligħ malajr, faċli, sikur u garantit. Dan ma jistax ikun garantit.

Scammers jistgħu jitolbu depożiti ogħla u wara li jirċievu l-fondi mingħand il-konsumatur, jistgħu jwaqqfu kull kuntatt miegħu.

Il-konsumaturi għandhom ikunu konxji li scammers jistgħu jagħmlu użu mhux awtorizzat ta' dettalji ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA sabiex iqarrqu lill-pubbliku.

Talba għal fondi addizzjonali jew ħlasijiet żejda biex wieħed ikun jista' jiġbed il-profitti, jistgħu jkunu sinjali suspettużi. Dan għaliex din it-tattika tintuża mill-iscammer sabiex jipprova jikseb aktar fondi mill-klijent li jkun safa vittma tal-qerq tiegħu.

**L-MFSA tavża lill-konsumaturi biex iwettqu servizzi ma' fornituri liċenzjati u rregolati. Il-konsumaturi huma mħeġġa jidħlu fir-Reġistru ta' Servizzi Finanzjarji tal-MFSA meta jkollhom xi dubju dwar l-istatus ta' entità.**

# CRYPTOCURRENCY SCAMS

DEFINIZZJONI

•

SINJALI TA' TWISSIJA



## X'inhuma cryptocurrencies?

Cryptocurrencies huma muniti virtwali li jużaw encryption sabiex jiżguraw is-sikurezza ta' tranżazzjonijiet u m'humiex ċentralizzati jew regolati minn awtorità finanzjarja, għall-kuntrarju ta' muniti FIAT (eż. euro, dollari, lira sterlina, eċċ.). Cryptocurrencies m'għandhomx kontroparti fiżika u jeżistu biss f'forma diġitali.

L-aktar scams komuni jinstabu fuq pjattaformi għal skambju ta' crypto li m'humiex regolati jew li huma foloz u Initial Coin Offerings ("ICO") frawdolenti. ICOs frawdolenti jinvolvu l-ħruġ u l-bejgħ ta' muniti jew tokens foloz, jew crowdfunding għall-ħruġ ta' muniti, li ma jkollhom l-ebda valur sottostanti. Il-konsumaturi huma mħeġġa li jagħmlu riċerka sew fuq dawn l-investimenti u jżommu lura minn prodotti li ma jifhmux dwarhom jew li ma jistgħux jiggarantixxu l-leġittimità tagħhom.

Skambji foloz ta' cryptocurrency jistgħu jattrattaw konsumaturi minħabba li dawn jirreklamaw rati ta' dħul għoljin jew dħul garantit. Madankollu, dawn l-iskambji jistgħu jħajjru u jitfgħu pressjoni fuq konsumaturi sabiex dawn jinvestu ammonti kbar ta' flus jew ikollhom spejjeż moħbija.

Barra minn dan, scammers jistgħu jqarrqu konsumaturi b'dak li jidher li hu profitt mill-investimenti tagħhom sabiex joħolqu pressjoni fuq il-konsumatur biex iħallas spejjeż ta' rtirar, liema spejjeż il-konsumaturi ikunu imqarrqa biex iħallsu, speċjalment wara li jkunu investew somom kbar ta' flus.

**Aktar informazzjoni dwar kif wieħed jagħraf scams ta' cryptocurrency tista' tinstab fin-nota ta' gwida maħruġa mill-MFSA.**

# CLONES

DEFINIZZJONI

•

SINJALI TA' TWISSIJA



## X'inhuma Clones?

Clones huma entitajiet li jagħmlu użu mhux awtorizzat ta' dettalji ta' entità ġenwina, bħan-numru tar-reġistrazzjoni ta' kumpanija, in-numru tal-liċenzja, l-isem tal-kumpanija, l-indirizz irreġistrat, sit elettroniku. Apparti minn hekk, dawn jippersonifikaw uffiċjali tal-kumpanija ġenwina sabiex jippruvaw iqarrqu bil-konsumaturi u jġiegħluhom jaħsbu li qed jittrattaw ma' entità' liċenzjata u rregolata.

Entitajiet li huma clones jippreżentaw ruħhom f'diversi forom, bl-aktar komuni jkunu clones f'forma ta' siti elettroniċi. Dawn is-siti jistgħu jipproduċu l-kontenut sħiħ ta' sit elettroniku ta' entità' leġittima, jew jistgħu jużaw biss informazzjoni li tagħti illużjoni lill-konsumaturi li huma liċenzjati jew irregolati.

Il-konsumaturi huma avżati jipproċedu b'kawtela, joqogħdu attenti u jistaqsu mistoqsijiet dwar l-identità' ta' l-entità' biex jiżguraw li l-fondi tagħhom huma sikuri.

Qabel ma wieħed jinvesti għandu jikkonsulta r-Reġistru tas-Servizzi Finanzjarji tal-MFSA u jwettaq xi riċerki fuq l-internet għal aktar informazzjoni dwar l-entità' inkwistjoni. Wieħed għandu wkoll ifittex l-isem tal-kumpanija flimkien mal-kliem "scam" jew "fake", għaliex dan jista' jirriżulta f'rapporti jew twissijiet dwar din l-entità'.

**Aktar informazzjoni dwar kif wieħed jagħraf entitajiet clone tista' tinstab fin-nota ta' gwida maħruġa mill-MFSA.**

# SCAMS BANKARJI

DEFINIZZJONI

•

SINJALI TA' TWISSIJA



## X'inhuma Scams Bankarji?

Scams bankarji huma entitajiet jew individwi mhux liċenzjati u li illegalment jipprovdu servizzi assoċjati ma' istituzzjonijiet bankarji, bħal self, trasferimenti tal-ħlas, u servizzi ta' karta ta' kreditu u ta' debitu.

Il-konsumaturi jistgħu jiġu kkuntattjati minn individwi jew entitajiet permezz tal-midja soċjali, email, telefown, posta, messaġġi jew apps tal-messaġġi bħal WhatsApp jew Telegram (app li tippermetti li l-messaġġi jisparixxu). Scammers jistgħu jheddu lill-konsumaturi illi l-kont tal-bank tagħhom jinsab f'periklu jekk ma tittiħidx azzjoni immedjata (eż: iħeġġu lill-konsumaturi jagħfsu link fuq messaġġ).

Wieħed għandu joqgħod attent minn attentati ta' *spoofing*, meta scammers jużaw it-teknoloġija biex jaħbu n-numru reali u jagħmluh jidher daqs li kieku ġej mingħand xi ħadd li taf jew xi kumpanija li tafda (bħal bank) biex iqarraq bik billi tiklikkja link u tipprovdi informazzjoni personali. L-MFSA tagħti parir lill-konsumaturi biex jispezzjonaw kull messaġġ u telefonata illi jirċievu.

Scammers jistgħu jwiegħdu self mgħaġġel u faċli ("**approvazzjoni immedjata**"/"**l-ebda depożitu inizzjali**"/"**self b'rati baxxi**") madankollu jkollhom rati għolja ta' interess u spejjeż moħbija. Jistgħu wkoll jitolbu dettalji personali tal-kontijiet bankarji sabiex jagħmlu "deposit", madankollu jekk tipprovdi l-informazzjoni personali tiegħek lil individwi bħal dawn, jista' jwassal għal possibilita' ta' telf ta' flus u/jew serq tal-identità.

**L-MFSA hi tal- parir li konsumaturi għandhom iwettqu servizzi ma' fornituri liċenzjati u rregolati. Il-konsumaturi jistgħu jikkonsultaw ir-Reġistru tas-Servizzi Finanzjarji tal-MFSA meta jkollhom dubju dwar l-istatus ta' entità.**

# SCAMS ĠENERALI

DEFINIZZJONI
•
SINJALI TA' TWISSIJA



## X'inhuma Scams Ġenerali?

Il-pubbliku ġenerali għandu jkun konxju dwar scams li jidhru illi żdiedu f'oqsma differenti, mhux biss dawk għas-servizzi finanzjarji. Scammers jistgħu jkollhom fil-mira tagħhom dawk li huma vulnerabbli, kemm emozzjonalment kif ukoll finanzjarjament.

**Scams romantiċi** – Dawn jinvolvu l-iżvilupp ta' relazzjoni personali mal-vittma, li tista' tkun kemm waħda romantika jew f'xi forma oħra sabiex l-iscammer ikun jista' jitlob il-flus mingħand il-persuna. Xenarji komuni jinkludu spejjeż mediċi, biljetti tal-ajru, dejn, u sitwazzjonijiet urġenti oħra. Scammers jistgħu jinvestu ammont konsiderevoli ta' ħin f'dawn l-iskemi.

**Scams għall-irkupru ta' flus** – Dawn jinvolvu sitwazzjonijiet fejn scammers jistgħu jieħdu vantaġġ minn persuni li riċentament sfaw vittmi ta' scam u jwiegħduhom li se jirkupraw it-telf tagħhom, imma fil-fatt dawn jistgħu jkunu l-istess individwi li jkunu qarrqu bil-konsumatur oriġinalment.




**Phishing email scams** – Il-konsumaturi għandhom ikunu konxji dwar emails li jirċievu minn dak li jkun jidher li huwa fornitur ta' servizz li huma jużaw, bħal bank jew fornitur ta' assigurazzjoni. Dawn jistgħu jitolbuk tieħu xi tip ta' azzjoni immedjata, tagħfas fuq link, tibdel il-password jew tipprovdi xi informazzjoni personali. Il-banek għandhom netwerks sikuri fejn jikkomunikaw mal-konsumaturi, għalhekk dejjem tajjeb li tivverifika!

# X’GĦANDEK TQIS QABEL TINVESTI




## Moħħok hemm!

**L-MFSA tagħti parir lill-konsumaturi sabiex jipproċedu b’kawtela meta jkunu qed jikkunsidraw possibilitajiet ta’ investimenti ġodda u jqisu numru ta’ fatturi ta’ riskju.**

- ✓ Ħu ż-żmien biex tirriċerka l-entità jew lill-individwu - entità leġittima ma tagħmillekx pressjoni biex tinvesti .
- ✓ Aqra bir-reqqa kwalunkwe dokumentazzjoni, kuntratti jew termini u kundizzjonijiet għal dak li potenzjalment jistgħu jkunu sinjali suspettużi (żbalji ortografiċi, inkonsistenzi, sinjali ta’ tbagħbis).
- ✓ **Taqsamx dettalji personali bħan-numru tal-karta tal-identità, l-indirizz, dettalji dwar il-bank jew il-karta tal-kreditu tiegħek, passwords għal kontijiet personali u informazzjoni ta’ identifikazzjoni oħra.**
- ✓ Tinvestix fi prodotti li ma tifhimx dwarhom.
- ✓ Kun konxju dwar emails suspettużi minn fornituri ta’ servizzi li jinkludu links jew talbiet għal informazzjoni personali.
- ✓ Tirrispondix għal offerti finanzjarji li jsiru minn fuq it-telefown, il-midja soċjali jew bil-posta.
- ✓ Tinvestix sakemm ma tkunx identifikajt il-kumpanija jew l-individwu li tkun qed titratta magħhom.

**L-MFSA hi tal- parir li konsumaturi għandhom iwettqu servizzi ma’ fornituri liċenzjati u rregolati. Il-konsumaturi jistgħu jikkonsultaw ir-[Reġistru tas-Servizzi Finanzjarji](#) tal-MFSA meta jkollhom dubju dwar l-istatus ta’ entità.**

# SINJALI SUSPETTUŻI



- L-użu ta' metodi ta' bejgħ agressiv (wegħdiet ta' dħul addizzjonali, benefiċċji speċjali u skontijiet "li m'għandekx titlef").
- Entità jew individwi li m'għandhomx liċenzja għas-servizzi finanzjarji u li mhumiex reġistrati.
- Wegħdiet ta' dħul mhux realistiku, benefiċċji rapidi, qligħ garantit u mingħajr riskju.
- 

- Ma tiġix provdut b'dokumenti affidabbli, kuntratti tal-klijent jew tirċievi dokumenti ffalsifikati .
- Scam moderna li titlob ħlas bil-quddiem kif muri hawn taħt (fejn jinżamm "id-dħul" tiegħek kontra l- ħlas ta' miżata).




- Offerti limitati jew bil-ħin, kif muri hawn taħt, li jagħmlu pressjoni fuq konsumaturi biex jinvestu malajr kemm jista' jkun.




- Talbiet għal dettalji personali mingħajr ma dawn jipprovdu prova tal-identità vera tagħhom.
- Nuqqas ta' netwerks u siti elettroniċi sikuri (ma jkunx hemm katnazz ħdejn il-URL tas- sit elettroniku).




- **Jekk l-offerta tidher tajba wisq biex tkun vera, probabbli hekk hu!**

## Naħseb li ġejt imqarraq (scammed). Issa x'nagħmel?

Jekk inti vittma ta' scam jew taħseb li qed titratta ma' scam, għandek twaqqaf immedjatament kull tranżazzjoni mal-kumpanija jew l-entità u kkuntattja lill-MFSA fuq https://www.mfsa.mt/about-us/contact/ hekk kif ikollok xi suspett.

Iġbor kemm jista' jkun informazzjoni li tista' tgħin lill-MFSA sabiex jiġi identifikat l-individwu li qed jopera l-iscam.

**Wieħed għandu jinnota li scams jistgħu jitqiesu bħala attività ta' frodi, li jikkonstitwixxu reat kriminali, għalhekk tista' tikkunsidra li tikkuntattja lill-aġenziji tal- infurzar tal-liġi lokali tiegħek.**